MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 584/2006

**Avenida Trading Company Limited**

**vs**

**Kurt Crockford**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta` Lulju, tas-sena 2006 fejn is-socjeta' attrici talbet lil konvenut ghandu jigi kkundannat jhallasha s-somma ta' wiehed u sittin lira u hamsa u disghin centezmu (Lm61.95) rapprezentanti valur ta` kera' ta' diversi DVD's mehuda mill-konvenut minn Frar, tas-sena 2006 sa 27 ta' Mejju, ta' l-istess sena.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa' ma pprezenta ebda risposta il-kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema` ix-xhieda ta' l-Avukat Dr. Mark Attard Montaldo prodott mis-socjeta' attrici li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont mitlub f'dina l-kawza kienet ghada dovuta sal-gurnata ta' llum u kif ukoll li t-transazzjoni li kienet mahsuba bejn il-partijiet baqghet ma gietx konkluza.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' it-talbiet tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut Kurt Crockford ihallas lil istess socjeta' attrici s-somma kif mitluba ta' wiehed u sittin lira u hamsa u disghin centezmu (Lm61.95) bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz u bl-ispejjez kif mitluba mis-socjeta' konvenuta a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------